# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum il-15 t'Ottubru 2019**

Appell numru 130 tal-2019

**Il-Pulizija**
**vs**
**Daphne-Anne VELLA**

Il-Qorti :

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-15 t'April 2019 fil-konfront ta' Daphne-Anne Vella, karta tal-identita bin-numri 117479M fejn ġiet mixlija talli:

    1. Nhar is-16 ta' Novembru 2018, għal ħabta ta' 1600hrs ġewwa San Pawl il-Baħar u f'dawn il-gżejjer irrifjutat li tagħti aċċess lil wild taħt il-kustodja tagħha lil Michele Siciliano, hekk kif ordnata mill-Qorti jew hekk kif marbuta tagħmel bil-kuntratt mingħajr raġuni xierqa ai termini tal-artikolu 338(ll) tal-Kodiċi Kriminali.

2. Permezz tas-sentenza aktar il-fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjoni miġjuba u semgħet il-provi prodotti u rat l-atti kollha tal-kawża kontra l-appellanti rat l-artikolu 338(ll) u 7(2)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-istess appellanti ħatja tal-imputazzjoni dedotta kontra tagħha u kkundannatha għal ammenda ta' ħamsin euro (€50).

3. Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanti Daphne-Anne VELLA li jġib id-data tat-2 ta' Mejju 2019 fejn issollevat is-segwenti aggravji (in suċċint):

   a. illi l-korp tal-provi li l-prosekuzzjoni tallega li għandha in sostenn għall-imputazzjonijiet miġjuba ma kienux tali li a bażi tagħhom setgħet tinstab ħtija in kwantu l-prosekuzzjoni ma ġabitx provi suffiċjenti biex tipprova l-elementi tar-reat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.
   b. Ma kienetx tissusti l-intenzjoni da parti tal-appellanti li tirrifjuta l-aċċess tal-wild minuri; iżda kien il-parte civile li naqas milli jeżerċita d-dritt t'aċċess li kellu għal uliedu li fid-data u l-jum inkriminat kienu lesti għal tali aċċess.
   c. Mingħajr preġudizzju għall-aggravji preċedenti, l-appellanti fi kwalunkwe każ, hija kellha raġuni valida.
   d. Is-sanzjoni inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet eċċessiva.

4. Illi din il-Qorti kellha terġa tisma' mill-ġdid ix-xiehda tax-xhieda li kienu xehdu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) minħabba li dawn ma kienux traskritti. Mill-kwadru probatorju jirriżulta kjarament li bejn l-appellanti u l-parte civile Siciliano għad hemm sens ta' pika li, almenu stando ma dak li ħareġ li kien qiegħed iseħħ fiż-żminijiet rilevanti għal dan l-appell, ma kienetx qegħda

tħallihom jirraġunaw sew dwar il-kwistjonijiet li kien hemm bejniethom dwar l-aċċess għall-minuri. Il-parte civile jtenni li fid-data, ħin u lok indikati huwa ried jeżerċita d-dritt t'aċċess li kellu bid-dritt skont il-kuntratt bejniethom dak iż-żmien iżda l-appellanta rat kif għamlet u ċaħditlu tali aċċess mill-post mnejn huwa kien suppost jiġbor lil minuri, u dan minkejja li l-ftehim ċar li kien hemm bejniethom.

5. Il-funzjoni u s-setgħat ta' din il-Qorti, (f'dan il-każ bħala Qorti li tisma' appelli minn sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati), ġew spjegati f'diversi sentenzi, fosthom fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] fejn intqal:-

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Lopez*** u r-***Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina*** 24 ta' April 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed***; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan*** et, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Domenic Briffa*** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v.

kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

6. B'hekk anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, ċjoe li terġa tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le qabel xejn teħodha l-Qorti tal-Maġistrati li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali u tasal għall-konklużjonijiet tagħha wara li tkun qieset kollox.[2]

7. Din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell Kriminali twettaq id-dmir ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, il-Qorti tal-Maġistrati, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiemha, setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Huwa minħabba f'hekk u biex tilħaq

---

Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

dan l-għan li din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell tagħmel l-apprezzament tagħha tal-provi prodotti quddiem dik il-Qorti.

8. Bosta drabi l-fatti li joħorġu mill-provi mhux dejjem ikunu jaqblu ma xulxin. Anzi ġieli jkun hemm xiehda li jgħidu bil-maqlub ta' xulxin. Għalhekk din il-Qorti trid tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati u dan għaliex jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza jekk ma jkunx hemm raġuni valida.

9. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.

***Ikkunsidrat : -***

10. L-ewwel aggravju li tressaq mill-appellanta f'dan il-każ huwa wieħed li huwa wiesa' ħafna fl-isteżura tiegħu u jeħtieġ lil din il-Qorti ta' reviżjoni tanalizza il-provi kollha li tresqu mill-Prosekuzzjoni sabiex tara jekk minn dawk il-provi prodotti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħetx dik il-Qorti ssib lill-appellanti ħatja b'mod li jkun sigur u sodisfaċenti skont il-Liġi. L-appellanta tikkontendi li l-provi mresqa ma kienux jissodisfaw il-grad meħtieġ.

11. Minn eżami tal-atti proċesswali jirriżulta li xehed il-*parte civile* Siciliano. Waqt li kien qed jixhed quddiem din il-Qorti, Siciliano jagħmel riferenza għal kuntratt li jgħid li kien fis-seħħ bejnu u bejn l-appellanta fiż-żmien rilevanti għal dan l-appell u li in bażi tiegħu huwa kellu dritt t'aċċess għal minuri u kien jispjega kif u kome dan l-aċċess kellu jiġi eżerċitat mill-*parte civile*. Biss ma jirriżultax li hu jew il-Prosekuzzjoni produċew kopja legali ta' dan il-kuntratt, minkejja li l-*parte civile* jagħmel riferenza għalih. Minn qari tal-verbali ma jirriżultax li waqt xi udjenza dan il-kuntratt, almenu, ġie eżebit *animo ritirandi*. Jirriżulta biss, a fol 12, dikjarazzjoni tal-Avukat tal-*parte civile* li taqra hekk : -

> Xehed bil-gurament, bil-lingwa ingliza x-xhud Michele Siciliano 0146317a.
> Cross-examination.
> Dr. Rodianne Sciberras is presenting a document which is being marked as RS1.
> Dr. Dalli ghal-parte civile qed jaghmel refreenza ghal-klawzola numru 4(v) fejn il-kuntratt jistipola li l-missier ghandu jigbor lil minuri mir-residenza tal-omm ghal finijiet tal-access.
> Saret trattazzjoni.
> Wara li semght il-partijiet il-Qorti ssib lil-imputat hatja ta' ammenda ta' 50 ewro.

12. Illi l-Prosekuzzjoni kienet fid-dmir li, ai termini tal-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali ġġib il-prova l-aktar sħiħa u sodisfaċenti illi l-każ ikun jagħti. Fil-każ fejn il-pern tal-kwistjoni tkun iddur fuq klawżola ta' kuntratt, il-Prosekuzzjoni riedet tippreżenta kopja legali awtentikata tal-kuntratt fl-atti biex il-Qorti jkollha l-aħjar prova ta' dak li kien jorbot lil partijiet.

13. F'dan il-każ, almenu *stando* mal-atti li waslu quddiem din il-Qorti il-"prova" tal-ftehim jidher li saret billi ġie verbalizzat li matul is-seduta l-Avukat tal-parte civile għamel riferenza għall-klawżola numru 4(v) fejn allegatament il-missier għandu jiġbor lil minuri mir-residenza tal-omm għal-finijiet tal-aċċess. Biss ebda riferenza għal dan il-kuntratt jew li dan il-kuntratt ġie eżebit jew preżentat *animo ritirandi* ma saret. Huwa minnu li quddiem din il-Qorti il-*parte civile* għamel riferenza għal dan il-kuntratt ukoll. Iżda l-kuntratt fih innifsu ma jirriżultax li ġie eżebit. Il-Qorti għalhekk kienet mistennija li tqis din id-dikjarazzjoni tal-Avukat tal-*parte civile* fil-verbal tas-seduta quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) marbuta mad-dikjarazzjoni bil-ġurament tal-*parte civile* bħala li tikkostitwixxi prova l-aktar sħiħa u sodisfaċenti illi l-każ kien jagħti.

14. Din il-Qorti ma taqbilx li dan hu l-każ. Inutli li fit-trattazzjoni ta' dan l-appell l-Avukat Ġenerali jisħaq li l-kuntratt kien ġie preżentat *animo ritirandi* matul is-seduta quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għax dan il-fatt ma jirriżultax mill-verbali tas-seduti jew

mill-atti infushom. U dak li ma jinstabx fl-atti proċesswali, ma jistax jitqies li jifforma parti mill-atti proċesswali.

15. L-anqas ma nġiebet xi prova li kien hemm xi diffikulta fattwali jew legali partikolari li turi l-impossibilita' li l-prova tal-kuntratt tinġieb quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta). Din il-Qorti ma tistax tqis li t-test tal-**<u>aktar prova sħiħa u sodisfaċenti illi l-każ ikun jagħti</u>** ikun sodisfatt biss bid-dikjarazzjoni bil-ġurament tal-*parte civile* dwar l-ezistenza ta' dan il-kuntratt u l-klawżola partikolari jew bid-dikjarazzjoni tal-Avukat tal-*parte civile* msemmija f'verbal ta' seduta; u dan kollu f'kuntest fejn il-Qorti ma tarax li kien hemm xi impossibilita' li kopja legali u awtentika tal-istess dokument tiġi eżebita fl-atti matul it-trattazzjoni tal-każ quddiem il-Qorti tal-Prim Istanza.

16. Dan qiegħed jingħad ukoll għaliex l-artikolu 520(d)(e) tal-Kodiċi Kriminali jirrendu applikabbli għal Qrati ta' Ġustizzja Kriminali d-disposizzjonijiet tal-artikoli 558 sa 662 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u b'mod partikolari inkluż dawk id-disposizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-provi dokumentarji jiġifieri l-artikoli 627 sa 633 u l-artikoli 635 sa 637 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

17. Taħt dawn id-disposizzjonijiet ċivili applikabbli wkoll għal din l-istanza, Qorti ta' Ġustizzja Kriminali għandha tiċħad li tinġieb kull prova li jkun jidhrilha li mhix l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib.[3] F'dan il-każ fejn l-aħjar prova kellha tkun kopja awtentika tal-

[3] Artikolu 560(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

kuntratt relattiv, ma nġiebet ebda prova li turi li l-Prosekuzzjoni jew il-*parte civile* ma kienetx tista' minħabba ħsara jew telf tad-dokument riferit tippreżentah bi prova quddiem il-Qorti tal-Maġistrati matul it-trattazzjoni tal-kawża hemmhekk, b'mod li l-Qorti setgħet teħles lil dik il-parti milli ġġib dik il-prova jew li tagħti dawk l-ordnijiet l-oħra li jinħtieġu fiċ-ċirkostanzi.[4] Wara kollox prova ta' fatt tmiss dejjem lil min jallegaha.[5]

18. Apparti minn hekk, u b'mod aktar speċifiku l-artikolu 645 tal-Kodiċi Kriminali jirrendi operattivi għall-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali l-artikolu 570 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. B'hekk xhud setgħa jiġi mħarrek li jġib miegħu kotba, dokumenti jew ħwejjeġ oħra li jkunu tal-partijiet fil-kawża jew ta' waħda minnhom jew li jkun qiegħed jieħu ħsieb tagħhom ix-xhud jew li jkunu taħt kustodja tiegħu jew inkella, skont il-Liġi, x-xhud ikun fl-obbligu li jġib.

19. Aktar minn hekk l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jżid li :

> (1) Bħala regola, għandu jitqies li tinġieb il-prova l-aktar sħiħa u sodisfaċenti illi l-każ ikun jagħti, u li ma jitħalla barra ebda xhud li x-xiehda tiegħu tkun importanti.
>
> (2) B'dan kollu, f'kull każ, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar.

[4] Artikolu 560(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.
[5] Artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

20. Din il-Qorti, tikkonċedi li l-*parte civile* xehed f'dan il-każ, u li kien xhud tajjeb. Iżda dan ma jnaqqas xejn minn dak li l-Liġi teħtieġ bħala l-aħjar prova meta din tkun waħda dokumentali u ma tkunx impossibilitata milli tista' tinġieb.

21. Il-Qorti tqis għalhekk li l-ewwel aggravju għandu jiġi milqugħ. Minħabba f'hekk il-Qorti mhix sejra tkompli biex tistħarreġ il-kumplament tal-aggravji mresqin.

## *Deċide*

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qegħda tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellanta, tħassar is-sentenza appellata u konsegwentement tilliberaha minn kull imputazzjoni, ħtija u piena.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***